# Triq il-Buqexrem

Malcolm Schembri

Fil-Fgura bħal f'postijiet oħra, insibu numru kbir t'ismijiet ta' toroq. Imma mhux minn dejjem kien hekk. Il-Fgura kien post kwiet, ħiemed imdawwar bl-għelieqi u l-kampanja imma llum xort'oħra. Ġara li l-Fgura kibret u magħha, żdiedu t-toroq, li jkolli ngħid li huma traffikużi, kif ukoll żdiedu l-ismijiet ta' dawn it-toroq. Se nipprova nibda nfittex informazzjoni u nikteb dwar sensiela ta' toroq li nsibu fil-Fgura. Għal-lum se nitkellem fuq waħda mit-toroq fil-Fgura, li hija msemmija għall-buqexrem. M'iniex espert tal-pjanti, imma dan l-aħħar fejn niltaqa' ma' xi pjanta, nipprova ninteressa ruħi u naqra dwarha. Tiskanta kemm tiltaqa' m'affarijiet li ma tkunx taf dwarhom jew qajla tagħti kashom. Jidher biċ-ċar li ftit huma dawk li jinteressaw ruħhom fil-pjanti, inkluż l-ewwel wieħed jien. Kemm hawn mill-ġenerazzjoni tal-lum li jinteressaw ruħhom fil-pjanti. Naħseb li tgħoddhom fuq idejk!!! Issa dan in-nuqqas t'interess ġej mill-fatt li jew, għax qed ngħixu ħajja mgħaġġla, jew għax f'pajjiżna hawn nuqqas kbir ta' ħdura (kampanja, siġar, pjanti, fjuri), fejn barra minn Malta hu ħafna iktar abbundanti, jew nieħdu kollox *forgranted,* u ma ninnutaw xejn (fejn fadal kampanja). In-natura hija l-ħolqien t'Alla li mhijiex apprezzata kemm imissha tkun. Triq il-Buqexrem tinsab viċin l-iskola Primarja tal-Fgura, ftit 'il bogħod mill-binja tal-Kunsill Lokali fil-preżent fi Triq il-Karmnu. Niftakar li ftit 'il bogħod minnha, fi Triq Sant'Antnin, kien hemm għalqa li konna nidħlu fiha, nilagħbu l-ballun, fil-bidu tad-disgħinijiet tas-seklu l-ieħor. Illum s'intendi l-għalqa m'għadhiex hemm għax inbniet.

Insibu toroq li jkunu msemmijin għal xi ħadd jew xi ħaġa partikolari, li ma jkollha l-ebda rabta mat-triq. Issib toroq imsemmija għal persuni li forsi, veru jkunu minn dak il-post partikolari, imma l-persunaġġi qatt ma jkunu għexu f'dawn it-toroq. L-istess jgħodd meta jingħata xi isem li m'għandu x'jaqsam xejn mat-triq. Min-naħa l-oħra, issib toroq li fir-realtà, l-isem jirrifletti kemm il-persuna jew l-oġġett li jkun imsemmi għal dik it-triq. Bħalma fil-bidu, semmejt li ftit huma l-persuni li jinteressaw ruħhom fil-pjanti, hekk ukoll fejn jidħlu l-ismijiet tat-toroq. Sfortunatament, dak li jkun la jistaqsi, għaliex dik it-triq issemmiet hekk, aħseb u ara kemm se jindaga l-isem minn fejn ġej!!!! L-impressjoni li nieħu hija li nippreferu nużaw l-*gadgets,* milli nosservaw dak li nsibu madwarna.

F'postijiet differenti f'Malta u f'Għawdex ħa ssib toroq imsemmija għal xi pjanta. Il-Fgura mhux b'inqas. F'din it-triq m'intix se tara xi pjanta tal-buqexrem, iżda bini biss, imma la t-triq imsemmija hekk, xtaqt li nagħti informazzjoni dwar din il-pjanta – x'inhi u għaliex kienet tintuża. Dawk li ġew qabilna, kienu jagħtu importanza kbira lill-pjanti. Il-Griegi, l-Eġizzjani u r-Rumani biex insemmu ftit eżempji, kienu jagħmlu użu mill-pjanti u jużawhom bħala duwa għal skopijiet mediċinali. F'Malta biex nagħti eżempju wieħed, kellna lil Frenċ tal-Għarb li kien juża l-ħxejjex għall-fejqan.

## Il-Pjanta Buqexrem

Il-buqexrem hija pjanta li fl-antik kienet magħrufa sew. L-isem botaniku/xjentifiku tagħha huwa ***Verbena Officinalis***, iżda hija magħrufa b'ħafna ismijiet. Fost dawn insibu ***Vervain, Verbena, Van Van, Ferfaen, Verbein, Verbinaca, Dragon's Claw, Enchanter's Plant, Tears of Isis, Juno's Tears, Herba Veneris (herb of Venus), Persephonion, Demetria, Mercury's Moist Blood, Mosquito Plant, Peristerium, Sagmina, Pigeon Grass, Pigeonwood, Frog-foot, Simpler's Joy, Altar Plant, Herba Sacra*** jew ***Herbe Sacrée, Holy Plant, Herb of Cross, Holy Herb, Herb of Grace*** u ***Wild Hyssop.***

Bl-ilsien Malti tissejjaħ ukoll ***Birbiena*** jew ***Buqexrem.*** Fl-antik kienu jużawha għal skopijiet mediċi. Tissejjaħ ukoll ***il-ħaxixa tal-banju.*** Din hi pjanta perenni (kapaċi tgħix għal ħafna snin) li tikber kullimkien, iżda tħobb l-aktar postijiet umdużi. Issibha matul ix-xitwa u anki fir-rebbiegħa. Għandha weraq isserrati u l-lewn tal-fjuri huma koħol fil-vjola, fuq zokk dritt irqiq. Tagħmel il-fjuri minn April sa xi Diċembru.

## L-użu tagħha fil-Mediċina

Din il-pjanta għandha ħafna superstizzjonijiet

marbuta magħha u għalhekk dan kollu għen biex tkun aktar magħrufa. Din kienet tintuża mill-qassisin Eġizzjani, mir-Rumani u mid-Druwidi (ġens li kien jagħti qima lin-natura). Dawn kollha kienu jużawha fir-riti tagħhom. Għalhekk l-Ingliżi ġieli sejħulha ***Holy Herb*** filwaqt li l-Eġizzjani kienu jsejħulha ***dmugħ ta' Ġuno***. Kienet saħansitra tintuża miċ-Ċiniżi fil-mediċina tagħhom. Il-fatt li kienet tintuża kemm għar-riti maġiċi, kif ukoll bħala mediċina, tagħmilha tant popolari. Ħafna riti maġiċi u folkloristiċi sabu posthom ukoll fir-reliġjon kristjana. Jgħidu li l-ġrieħi ta' Kristu mejjet kienu miksija bil-weraq tal-***verbena*** biex jieqfu jnixxu.

Dari hawn Malta kienet tintuża fil-festi tal-Parroċċi fil-kampanja, biex issebbaħ u tfewwaħ l-ambjent. L-istess kienu jagħmlu mijiet ta' snin qabel madwar id-dinja. Kienu jużawha wkoll biex ibiegħdu l-ispirti ħżiena. Kienu wkoll jirrikorru għal din il-pjanta fil-mard u fit-tbatijiet tagħhom. Tant hu hekk li kienet tista' tinxtara mingħand l-ispiżjara ta' dawk iż-żminijiet. Bħala mediċina kienu jużawha biex tqanqal l-aptit u tgħin fid-diġestjoni. Kienet tintuża bħala toniku (tagħtik is-saħħa), għall-irqad aħjar u għall-uġigħ tal-ġisem, għall-vixxri u d-disinterija. Kienet tintuża wkoll kontra l-gotta (marda li tikkaġuna nfiħ fil-ġogi ż-żgħar l-aktar fis-swaba' tas-saqajn, l-irkupptejn u s-swaba' tal-id) u l-ġebla. Jgħidu li tajba wkoll biex wieħed jiggargarizza biha, bħala ġbara (duwa għall-fejqan) fuq il-ġisem maħruq jew mismut, bħala rimedju kontra l-iskabja u ħakk, kif ukoll kienet titpoġġa fuq il-moħħ biex isserraħ lil dak li jkun mill-uġigħ ta' ras. Tintuża wkoll biex tistimula l-ħalib tas-sider. Il-poeta Ġorġ Pisani jgħid li fid-dar tal-bdiewa kien jismagħhom jgħidu li "l-buqexrem mhemmx għalih, jgħin fl-istonku minnufih" u "jekk ma tridx tinqered ħesrem (malajr), twieżen (ħu) dejjem bil-buqexrem". Din il-pjanta ġġib risq tajjeb lill-poeti u lil dawk li jiktbu l-ħrejjef. Missirijietna kienu għaqlin meta kienu jagħmlu użu tajjeb mill-pjanti għall-kura tas-saħħa. Kienu kapaċi jgħarfu u jiddistingwu bejn pjanti li jagħmlu l-ġid u pjanti li jagħmlu d-deni. Meta wieħed iqis li f'ħafna postijiet fid-dinja kienu jagħmlu użu mill-pjanta tal-buqexrem, jikkonkludi li xi ħaġa tajba fiha żgur, għax kieku ma kinitx tgawdi daqshekk reputazzjoni tajba.

**Referenzi**

Josianne Azzopardi, *Il-Buqexrem*, It-Torċa tal-Ħadd, 11 ta' Frar, 2018, p.40.

http://healingherbinfo.com/index.php/herbs/herb/junos_tears aċċessata fl-10/06/2018.

